KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-15 ta' Lulju 2021 [1]

Kawżi magħquda C-693/19 u C-831/19

SPV Project 1503 Srl,
Dobank SpA
vs
YB (C-693/19)
u
Banco di Desio e della Brianza SpA,
Banca di Credito Cooperativo di Carugate e Inzago Sc,
Intesa Sanpaolo SpA,
Banca Popolare di Sondrio ScpA,
Cerved Credit Management SpA
vs
YX,
ZW (C-831/19)

(Talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Prinċipju ta' effettività – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għal ordni ta' ħlas – Proċeduri ta' eżekuzzjoni – Ordni ta' ħlas li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* – Setgħa tal-qorti nazzjonali responsabbli mill-eżekuzzjoni li teżamina n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali – Prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* – Preskrizzjoni"

I. Introduzzjoni

1. Dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano, l-Italja) jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [2] u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Dawn tqajmu fil-kuntest ta' proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ħlas li ma ġewx ikkontestati u li għalhekk saru definittivi.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

2. Il-kwistjoni prinċipali fil-kawżi preżenti essenzjalment hija jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li l-qorti responsabbli mill-eżekuzzjoni teżamina n-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt li abbażi tiegħu tkun saret l-ordni ta' ħlas minħabba l-awtorità ta' *res judicata* li tkun inkisbet minn dik l-ordni.

3. Il-kawżi preżenti qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja flimkien ma' tliet kawżi oħrajn (C-600/19, C-725/19 u C-869/19) li l-konklużjonijiet tiegħi fihom ser jiġu ppreżentati llum. Dawk il-kawżi huma bbażati fuq talbiet Spanjoli u Rumeni għal deċiżjonijiet preliminari u wkoll jirrigwardaw kwistjonijiet simili u li huma potenzjalment sensittivi rigward il-portata tal-obbligu tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 u r-relazzjoni ma' ċerti prinċipji proċedurali nazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*.

4. Konsegwentement, il-kawżi preżenti joffru lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar id-Direttiva 93/13, u b'mod partikolari li tiċċara kwistjonijiet relatati mal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* b'konnessjoni mal-istħarriġ ġudizzjarju ta' klawżoli inġusti taħt dik id-direttiva. Il-kawżi preżenti jqajmu wkoll kwistjonijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-prinċipju ta' effettività u l-Artikolu 47 tal-Karta f'dan il-kuntest.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jistipula li:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

6. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

B. Id-dritt Taljan

7. Id-Decreto legislativo n. 206 recante Codice del consumo (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 206 dwar il-Kodiċi tal-Konsumatur), tas-6 ta' Settembru 2005 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 235, tat-8 ta' Ottubru 2005) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Konsumatur"), ittraspona d-Direttiva 93/13 fid-dritt Taljan.

8. L-Artikolu 633 tal-Codice di procedura civile (iktar ’il quddiem il-“Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili”) jipprovdi li:

“Fuq talba tal-kreditur ta’ somma flus speċifika jew ta’ kwantità speċifika ta’ oġġetti fungibbli, jew ta’ destinatarju ta’ kunsinna ta’ oġġetti mobbli speċifiċi, l-imħallef kompetenti għandu joħroġ ordni ta’ ħlas jew kunsinna:

(1) Jekk id-dritt invokat huwa sostnut minn evidenza bil-miktub; […]”

9. L-Artikolu 641 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili jistipula li:

“Jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 633 ikunu ssodisfatti, l-imħallef għandu jordna lill-konvenut, permezz ta’ digriet motivat li għandu jingħata fi żmien 30 jum mill-preżentata tar-rikors, iħallas is-somma jew irodd l-oġġetti jew il-kwantità ta’ oġġetti mitluba, jew fil-każ tal-aħħar is-somma prevista fl-Artikolu 639, fi żmien 40 jum, bl-avviż ċar li f’dan l-istess żmien dik il-parti tista’ tqajjem oġġezzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin, u li fl-assenza ta’ tali oġġezzjoni, titwettaq l-eżekuzzjoni. […]”

10. L-Artikolu 647 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili jipprovdi li:

“Jekk ma tkun tqajmet ebda oġġezzjoni fit-terminu preskritt, jew jekk il-konvenut ma jkunx ħa azzjoni legali, [l-imħallef] li jkun ħareġ l-ordni għandu jiddikjara l-ordni bħala eżegwibbli, fuq talba, anki verbali, tar-rikorrent. Fl-ewwel każ, l-imħallef għandu jordna notifika mill-ġdid meta jirriżulta jew jidher li l-konvenut ma kienx jaf b’dik l-ordni.

Fejn l-ordni tkun ġiet iddikjarata eżegwibbli skont dan l-artikolu, l-oġġezzjoni ma tkunx tista’ titqajjem jew tiġi segwita iżjed, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 650, u kwalunkwe garanzija ddepożitata għandha tiġi rrilaxxata.”

11. L-Artikolu 650 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili jgħid li:

“Il-konvenut jista’ jqajjem oġġezzjoni anki wara li jiskadi t-terminu preskritt fl-ordni jekk jipprova li ma kienx jaf biha fiż-żmien minħabba irregolaritajiet fin-notifika, jew minħabba każ fortuwitu jew forza maġġuri.

[…]

L-ebda oppożizzjoni ma tista’ titressaq wara l-iskadenza ta’ terminu ta’ għaxart ijiem li jiddekorri mill-ewwel att ta’ eżekuzzjoni.”

12. L-Artikolu 2909 tal-Codice civile (iktar ’il quddiem il-“Kodiċi Ċivili”) jistipula li:

“Konstatazzjonijiet magħmula f’sentenzi li jkunu kisbu l-awtorità ta’ *res judicata* għandhom ikunu vinkolanti fl-aspetti kollha fuq il-partijiet, is-suċċessuri leġittimi u ċ-ċessjonarji tagħhom.”

III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

A. Il-Kawża C-693/19, SPV Project 1503 et

13. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, YB, bħala konsumatur, daħal fi tliet kuntratti ta' self ma' Findomestic Banca SpA għal ammont globali ta' EUR 18 200. Din il-kumpannija iktar tard assenjat il-pretensjoni tagħha lil Activa Factor SpA, li, min-naħa tagħha, assenjat din il-pretensjoni lil SPV Project 1503 Srl (iktar 'il quddiem "SPV"). Skont il-klawżoli ta' dawn il-kuntratti, fil-każ ta' ħlas tardiv, kellhom japplikaw penali u interessi moratorji.

14. Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2012, il-qorti kompetenti ħarġet ordni ta' ħlas kontra YB, għall-ammont ta' EUR 16 290.52 fir-rigward ta' somom dovuti skont il-kuntratti ta' self flimkien mal-interessi għal ħlas tardiv skont dawk il-klawżoli. YB ma oġġezzjonax għall-ordni ta' ħlas, li għaldaqstant saret definittiva.

15. Sussegwentement, SPV innotifikat lil YB b'mandat ta' qbid, iddatat il-21 ta' Settembru 2016, għal pretensjonijiet li YB kellu fil-konfront ta' terzi persuni fl-ammont ta' EUR 31 332, li kien jikkonsisti f'EUR 16 290.52 bħala kapital u f'EUR 13 539.27 bħala interessi kif indikati fl-ordni ta' ħlas, filwaqt li l-kumplament kien jikkonsisti fi spejjeż u onorarji.

16. SPV u kreditur ieħor imbagħad bdew proċeduri ta' eżekuzzjoni kontra YB quddiem il-qorti tar-rinviju.

17. Fil-mori ta' dawk il-proċeduri, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li l-klawżola relatata mal-kalkolu tar-rata ta' interessi moratorji, li kienet iżjed minn 14% fis-sena, setgħet tkun inġusta. Hija ordnat lil SPV sabiex tipproduċi l-kuntratti ta' self li abbażi tagħhom inħarġet l-ordni ta' ħlas u stiednet lil YB sabiex jindika l-intenzjoni li jinvoka n-natura inġusta tal-klawżoli rigward l-interessi moratorji li, jekk tiġi stabbilita, tista' potenzjalment tnaqqas il-pretensjoni ta' SPV. B'reazzjoni għal dan, YB invoka n-natura inġusta tal-klawżola relatata mal-kalkolu tal-interessi moratorji. Il-qorti tar-rinviju indikat il-possibbiltà li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' din il-klawżola u ffissat seduta sabiex tagħti ċans lill-partijiet jieħdu pożizzjoni fuq din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward, SPV ikkontendiet, *inter alia*, li l-awtorità ta' *res judicata* miksuba mill-ordni ta' ħlas ma setgħetx tiġi ssuperata.

18. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont il-ġurisprudenza tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jkopri mhux biss l-għoti effettiv tas-sentenza, iżda wkoll ir-raġunijiet li jifformaw, anki impliċitament, il-bażi loġika u legali tagħha. Dan l-approċċ japplika għal ordni ta' ħlas li tirrikjedi l-ħlas ta' somma flus, li, jekk ma tiġix ikkontestata, issir definittiva fir-rigward tal-pretensjoni li abbażi tagħha tiġi ppreżentata l-azzjoni, kif ukoll għall-istrument maħruġ fir-rigward ta' dik il-pretensjoni, u għalhekk jipprekludi kwalunkwe eżami ulterjuri tar-raġunijiet miġjuba sabiex jiġġustifikaw dan ir-rikors. Għaldaqstant, il-prinċipju, li joriġina mill-ġurisprudenza nazzjonali u li jissejjaħ l-awtorità ta' *res judicata* impliċita, huwa bbażat fuq ir-raġunament li jekk il-qorti tkun iddeċidiet fuq kwistjoni partikolari, hija tkun ittrattat il-kwistjonijiet l-oħra kollha kkunsidrati preliminari għall-kwistjoni fil-fatt deċiża u tkun ikkonkludiet li dawn ma jipprekludux id-deċiżjoni tagħha.

19. Il-qorti tar-rinviju tirrimarka li, bħal f'dan il-każ, ladarba tinkiseb ordni ta' ħlas, il-kreditur jista', billi jinnotifika l-mandat ta' qbid, jibda proċeduri ta' eżekuzzjoni, imsejħa proċeduri ta' esproprjazzjoni obbligatorja taħt id-dritt nazzjonali, u li, fil-każ ta' esproprjazzjoni minn partijiet terzi, il-kreditur iwettaq esproprjazzjoni obbligatorja abbażi tal-ordni ta' ħlas bħala titolu eżekuttiv

fir-rigward tal-pretensjonijiet li d-debitur ikollu fil-konfront ta' terzi. Fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni, il-qorti tista' *ex officio* teżerċita setgħat intiżi sabiex tivverifika l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv u l-kwantifikazzjoni korretta tal-pretensjoni, iżda dan ma jestendix għall-kontenut intrinsiku ta' dak it-titolu.

20. Il-qorti tar-rinviju tiddubita jekk il-klawżoli li jikkwantifikaw l-interessi moratorji u li jippreskrivu penali jikkonformawx mal-Kodiċi tal-Konsumatur u mad-Direttiva 93/13. Skont il-qorti tar-rinviju, il-qorti li ħarġet l-ordni ta' ħlas ma stħarrġitx in-natura eventwalment inġusta ta' dawn il-klawżoli. Madankollu, taħt id-dritt nazzjonali, peress li YB ma kkontestax l-ordni, din saret definittiva u l-kwistjoni dwar jekk il-klawżoli tal-kuntratti ta' self humiex inġusti hija suġġetta għall-awtorità ta' *res judicata* impliċita. Minn dan isegwi li l-qorti tar-rinviju, bħala l-qorti ta' eżekuzzjoni, ma tistax tiddeċiedi li l-klawżoli huma inġusti, peress li hija prekluża taħt id-dritt nazzjonali milli teżamina l-kontenut tal-ordni ta' ħlas u dik l-ordni kisbet l-awtorità ta' *res judicata*.

21. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 93/13, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jista' jitwarrab taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi jekk il-ħtieġa li jinbidel il-bilanċ formali bejn il-partijiet kontraenti b'bilanċ reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom tippermettix lill-qorti ta' eżekuzzjoni tinforma lill-konsumatur bin-natura eventwalment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li ma ġietx eskluża espliċitament bl-ordni li saret definittiva u, jekk il-konsumatur ikun jixtieq jistrieħ fuq in-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli, jekk l-istess qorti tistax twettaq tali eżami, peress li n-nuqqas li jsir dan jista' jwassal għal protezzjoni tal-konsumatur mhux kompluta u insuffiċjenti. Il-qorti tar-rinviju tinnota li, fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta, l-inizjattiva tal-qorti li tinforma lill-konsumatur bil-ksur possibbli ta' regoli ta' protezzjoni tal-konsumatur ma tippreġudikax l-imparzjalità tagħha u li l-Qorti tal-Ġustizzja tat importanza partikolari lil din id-dispożizzjoni mill-perspettiva tal-effett utli tad-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13.

22. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri fil-kawża prinċipali u li tirreferi d-domanda sussegwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva [93/13] u l-Artikolu 47 tal-[Karta] jipprekludu, u taħt liema kundizzjonijiet, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik deskritta, li tipprekludi lill-qorti ta' eżekuzzjoni twettaq stħarriġ intrinsiku ta' titolu eżekuttiv ġudizzjarju li kiseb l-awtorità ta' *res judicata* u li timpedixxi lill-istess qorti, fil-każ ta' manifestazzjoni ta' rieda min-naħa tal-konsumatur li jinvoka n-natura inġusta tal-klawżola inkluża fil-kuntratt li bis-saħħa tiegħu nkiseb it-titolu eżekuttiv, tissupera l-effetti tal-awtorità ta' *res judicata* impliċita?"

B. Il-Kawża C-831/19, Banco di Desio e della Brianza et

23. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, fit-18 ta' Novembru 2005, Banco di Desio e della Brianza SpA (iktar 'il quddiem "BDB") ikkonkludiet kuntratti ta' garanzija ma' YX u ZW li kienu intiżi bħala garanzija għal self meħud mill-kumpannija kummerċjali Bimecar Trade Srl.

24. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2012, it-Tribunale di Monza (il-Qorti Distrettwali ta' Monza, l-Italja) ħarġet ordni ta' ħlas favur BDB fil-konfront, *inter alia*, ta' YX u ZW. Din l-ordni ma ġietx ikkontestata u għaldaqstant saret definittiva.

25. Sussegwentement, BDB bdiet proċeduri ta' eżekuzzjoni quddiem it-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano) għall-esproprjazzjoni ta' proprjetà fir-rigward ta' assi li huma proprjetà nofs bin-nofs ta' YX u ZW, li huma miżżewġin. Bimecar Trade u krediturі oħrajn ta' YX u ZW ingħaqdu f'dawn il-proċeduri.

26. YX u ZW dehru fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni. Fuq talba tal-qorti tar-rinviju, BDB ipproduċiet il-kuntratti ta' garanzija. Il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li, filwaqt li l-istatus ta' YX bħala konsumatur kien eskluż peress li kien ir-rappreżentant legali ta' Bimecar Trade u azzjonist b 51 % fiha, ZW setgħet tikkwalifika bħala konsumatur peress li kienet azzjonista b' 22 % f'dik il-kumpannija u jidher li ma kellha ebda pożizzjoni ta' responsabbiltà fi ħdanha. Sabiex tistabbilixxi l-istatus tagħha bħala konsumatur, ZW ipproduċiet il-kuntratt ta' trasferiment, iddatat id-29 ta' Jannar 2013, li permezz tiegħu hija saret azzjonista f'Bimecar Trade, flimkien ma' dokumenti li juru li ilha impjegata ma' kumpannija oħra mis-sena 1976. ZW esprimiet ukoll l-intenzjoni tagħha li tinvoka n-natura inġusta ta' numru ta' klawżoli inklużi fil-kuntratti konklużi mal-krediturі kollha abbażi tal-Kodiċi tal-Konsumatur. BDB u l-krediturі l-oħrajn argumentaw, *inter alia*, li ZW ma kinitx konsumatur u li l-awtorità ta' *res judicata* miksuba mill-ordni ta' ħlas ma setgħetx tiġi ssuperata.

27. Il-qorti tar-rinviju tispjega, b'mod simili għal dak fil-Kawża C-693/19, li, skont id-dritt u l-ġurisprudenza nazzjonali, l-awtorità ta' *res judicata* impliċita hija bbażata fuq ir-raġunament li, jekk il-qorti tkun iddeċidiet fuq kwistjoni partikolari, hija tkun neċessarjament solviet il-kwistjonijiet l-oħra kollha li jippreċedu l-kwistjoni fil-fatt deċiża, u dan l-approċċ japplika għal ordnijiet ta' ħlas. Ladarba tinkiseb ordni, il-kreditur jibda proċeduri ta' eżekuzzjoni u, bl-esproprjazzjoni ta' proprjetà, bħal f'dan il-każ, il-kreditur, abbażi ta' dik l-ordni bħala titolu eżekuttiv, jesproprja, billi jinnotifika mandat ta' qbid, proprjetà li tappartjeni lid-debitur.

28. Il-qorti tar-rinviju tindika li, peress li ZW tista' titqies bħala konsumatur, għandha dubji jekk il-klawżola inkluża fil-kuntratt ta' garanzija bejn BDB u ZW, li tindika qorti b'ġurisdizzjoni territorjali li ma hijiex dik tad-domiċilju tal-konsumatur, tikkonformax mal-Kodiċi tal-Konsumatur u mad-Direttiva 93/13. Peress li ZW ma kkontestatx l-ordni ta' ħlas, dik l-ordni kisbet l-awtorità ta' *res judicata* u l-kwistjoni dwar jekk il-klawżoli tal-kuntratt ta' garanzija humiex inġusti hija suġġetta għall-awtorità ta' *res judicata* impliċita. Filwaqt li l-krediturі jikkontendu li l-qorti tar-rinviju hija prekluża milli teżamina jekk dawn il-klawżoli humiex inġusti, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones[3], il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dik is-sentenza hijiex applikabbli, minħabba d-differenzi bejn l-ordinamenti nazzjonali inkwistjoni u ċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti.

29. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li ZW ħadet rwol attiv fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni u li meta nħarġet l-ordni ta' ħlas, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[4], li tistabbilixxi l-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' garanti bħal ZW bħala konsumatur ma kinitx għadha ngħatat. Lanqas kienet għadha ħadet approċċ simili l-ġurisprudenza tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni)[5], iżda f'dak il-perijodu kienet eskludiet li persuna fiżika li taġixxi ta' garanti għal kumpannija kummerċjali titqies bħala konsumatur[6]. Konsegwentement, ZW ma setgħetx targumenta li l-klawżoli kienu inġusti f'oġġezzjoni għall-ordni ta' ħlas, peress li dan sar possibbli biss wara li kienu nbdew il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, meta skont id-dritt nazzjonali dik

[3] C-40/08, EU:C:2009:615.

[4] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, f'dan ir-rigward, id-digrieti tad-19 ta' Novembru 2015, Tarcău (C-74/15, EU:C:2015:772), u tal-14 ta' Settembru 2016, Dumitraș (C-534/15, EU:C:2016:700).

[5] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 (Nru 32225).

[6] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, *inter alia*, is-sentenzi tat-13 ta' Mejju 2005 (Nru 10107) u tad-9 ta' Awwissu 2016 (Nru 16827).

l-ordni ma setgħetx tinbidel. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'sitwazzjoni bħal din, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħmilhiex impossibbli jew eċċessivament diffiċli għall-konsumaturi sabiex jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13.

30. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus[7], il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-possibbiltà li tiġi ssuperata l-awtorità ta' *res judicata* espliċita, iżda għadha ma eżaminatx il-kompatibbiltà tal-awtorità ta' *res judicata* impliċita mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta. Skont il-qorti tar-rinviju, aktarx li, meta ħarġet l-ordni ta' ħlas, il-qorti ma eżaminatx in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, peress li l-possibbiltà li ZW tiġi kklassifikata bħala konsumatur ġiet eskluża. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi jekk l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta jippermettux li l-awtorità ta' *res judicata* impliċita tiġi ssuperata fejn ir-riżultat tagħha jkun li l-konsumatur jiċċaħħad mid-dritt għal rimedju effettiv u minn drittijiet li jirriżultaw minn dik id-direttiva.

31. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri fil-kawża prinċipali u li tirreferi d-domandi sussegwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva [93/13] moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta] jipprekludu, u taħt liema kundizzjonijiet, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik deskritta, li tipprekludi lill-qorti ta' eżekuzzjoni milli twettaq stħarriġ intrinsiku ta' titolu eżekuttiv ġudizzjarju li kiseb l-awtorità ta' *res judicata*, meta l-konsumatur, li jsir konxju mill-istatus tiegħu (għarfien li kien preċedentement preklużmid-dritt kif applikat dak iż-żmien), jitlob it-twettiq ta' tali stħarriġ?

(2) L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva [93/13] moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta] jipprekludu, u taħt liema kundizzjonijiet, leġiżlazzjoni bħal dik nazzjonali li, meta jkun hemm deċiżjoni impliċita li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* li klawżola kuntrattwali ma hijiex inġusta, tipprekludi lill-qorti ta' eżekuzzjoni, li tkun mitluba tiddeċiedi dwar oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni mressqa mill-konsumatur, milli tirrileva li tali klawżola hija inġusta, u tali preklużjoni tista' titqies li teżisti anki meta, fid-dawl tad-dritt kif applikat dak iż-żmien meta d-deċiżjoni kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, l-evalwazzjoni ta' jekk il-klawżola hijiex inġusta kienet prekluża peress li l-garanti ma kienx jista' jiġi kklassifikat bħala konsumatur?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

32. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-693/19 mill-Gvern Spanjol, mill-Gvern Taljan u mill-Gvern Ungeriż kif ukoll mill-Kummissjoni, u fil-Kawża C-831/19 minn BDB, ZW[8], mill-Gvern Spanjol, mill-Gvern Taljan kif ukoll mill-Kummissjoni.

33. Inżammet seduta konġunta fis-27 ta' April 2021 li fiha BDB, ZW, il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Spanjol u l-Gvern Taljan kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw argumenti orali.

7 C-421/14, EU:C:2017:60 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Banco Primus").

8 Għandu jiġi nnotat li YX issottometta osservazzjonijiet bil-miktub fl-interess ta' ZW.

V. Sommarju tal-osservazzjonijiet tal-partijiet

34. BDB tissottometti li d-domanda fil-Kawża C-831/19 hija inammissibbli peress li ZW ma tikkwalifikax bħala konsumatur u għalhekk id-Direttiva 93/13 ma hijiex applikabbli. Fi kwalunkwe każ, hija targumenta li d-deċiżjoni dwar il-validità tal-klawżoli kuntrattwali saret definittiva, mingħajr ma' ZW oġġezzjonat jew invokat l-istatus ta' konsumatur. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtorità ta' *res judicata* ma tistax tiġi ssuperata, anki fil-kuntest ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, u, kif enfasizzat waqt is-seduta, il-protezzjoni mogħtija lill-konsumaturi mid-Direttiva 93/13 ma tipprevalix fuq iċ-ċertezza legali.

35. ZW issostni li huwa evidenti fil-Kawża C-831/19 li hija tikkwalifika bħala konsumatur taħt id-Direttiva 93/13. ZW tispjega li hija ma ppreżentatx oġġezzjoni għall-ordni ta' ħlas minħabba l-ġurisprudenza nazzjonali, li kienet teskludi persuni fil-pożizzjoni tagħha milli jitqiesu bħala konsumaturi, iżda li minn dak iż-żmien inbidlet skont id-direzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Kif argumentat ZW waqt is-seduta, il-fatt li l-qorti ta' eżekuzzjoni ma titħalliex tistħarreġ klawżoli li n-natura inġusta tagħhom ma kinitx ġiet eżaminata meta nħarġet l-ordni, ikun iċaħħad lil konsumaturi minn protezzjoni effettiva taħt id-Direttiva 93/13.

36. Il-Gvern Ġermaniż isostni li t-tqassim tal-kompiti bejn il-qorti li tiddeċiedi fuq il-merti u l-qorti ta' eżekuzzjoni huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali nazzjonali, u d-Direttiva 93/13 ma teħtieġx stħarriġ sostantiv fil-proċedura ta' eżekuzzjoni, sakemm l-ewwel proċedura toffri lill-konsumatur biżżejjed opportunità sabiex jasserixxi d-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13. Għaldaqstant, jekk, kif jidher fil-kawżi preżenti, l-ordinament nazzjonali jipprovdi għal stħarriġ ġudizzjarju ta' klawżoli inġusti fl-istadju tal-ordni ta' ħlas, ma hemmx ħtieġa għat-tieni verifika fl-istadju ta' eżekuzzjoni.

37. Il-Gvern Spanjol isostni li l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Fi kwistjonijiet ta' klawżoli inġusti, l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma jeħtieġx li l-qorti nazzjonali tistħarreġ għal żmien indeterminat pretensjoni li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, li tapplika meta l-konsumatur ma jkunx uża fiż-żmien ir-rimedji stabbiliti fid-dritt nazzjonali, u l-possibbiltà li tistħarreġ klawżoli inġusti barra mill-ambitu tal-proċedura prevista għal dan il-għan tirriżulta f'telf ta' effett utli tal-proċedura ta' eżekuzzjoni. Kif argumenta waqt is-seduta, il-prinċipju ta' effettività jeħtieġ li leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi analizzata fil-kuntest tas-sistema proċedurali nazzjonali kollha kemm hi u, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-kawżi preżenti jikkonċernaw l-awtorità ta' *res judicata*. Iżid li, fir-rigward tal-Kawża C-831/19, il-fatt li meta l-ordni ta' ħlas kisbet l-awtorità ta' *res judicata* l-Qorti tal-Ġustizzja kienet għadha ma tatx id-deċiżjonijiet tagħha dwar il-kriterji sabiex garanti jitqies bħala konsumatur ma jaffettwax il-pożizzjoni tiegħu.

38. Il-Gvern Taljan jargumenta li l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Il-kawżi preżenti huma differenti mill-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, u din il-leġiżlazzjoni tirrispetta l-prinċipju ta' ekwivalenza, peress li l-qorti ta' eżekuzzjoni ma tistax terġa' teżamina *ex officio* l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, anki fejn din tikkonċerna ksur possibbli ta' regoli tal-ordni pubbliku. Kif enfasizza waqt is-seduta, il-qorti li tiddeċiedi dwar l-ordni tista' teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali u l-konsumatur għandu rimedji sabiex jevita li jintrabat b'tali klawżoli, iżda jekk il-qorti ma tkunx għamlet hekk u l-konsumatur ma jkunx uża dawn ir-rimedji, il-qorti ta' eżekuzzjoni ma tistax tevita li teżegwixxi d-deċiżjoni bbażata fuq l-ordni; dik id-deċiżjoni impliċitament teskludi n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali, peress li inkella ma setgħetx tinħareġ. Għall-kuntrarju tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni

fil-Kawża C-693/19, tkun xi tkun il-kawża tal-invalidità tal-klawżola li fuqha huwa bbażat id-dritt tal-kreditur, mill-mument li jiġi stabbilit dan id-dritt, anki jekk impliċitament, permezz ta' deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, dik l-invalidità ma tistax tiġi ddikjarata iktar mill-qorti li għandha teżegwixxieha, u dan japplika wkoll f'każijiet li jinvolvu interess eċċessiv. Iżid ukoll li, fir-rigward tal-Kawża C-831/19, huwa irrilevanti li l-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali li tirrikonoxxi garanti bħala konsumatur ma kinitx teżisti meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-ordni, peress li l-qorti setgħet użat il-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

39. Il-Gvern Ungeriż jargumenta li, fir-rigward tal-Kawża C-693/19, l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Huwa jsostni li l-awtorità ta' *res judicata* miksuba fl-assenza ta' oġġezzjoni mid-debitur ma tistax titwarrab, u l-fatt li l-qorti ta' eżekuzzjoni titħalla tistħarreġ in-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt li fuqhom hija bbażata l-ordni ta' ħlas jirrendi l-proċedura ta' ordni ta' ħlas mingħajr skop.

40. Il-Kummissjoni tissottometti li, fir-rigward tal-Kawża C-693/19, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, sakemm din tippermetti li l-qorti tivverifika jekk klawżola relatata mal-ħlas ta' interessi fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq jew dewmien fit-twettiq ta' obbligu kuntrattwali hijiex potenzjalment inġusta u għalhekk twarrabha. Dan jaf ikun il-każ jekk tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita l-ineżistenza legali ta' titolu eżekuttiv limitatament għall-pretensjoni relatata mal-interessi jew jekk tippermetti li l-qorti tillimita l-eżekuzzjoni, meta tagħti s-somom, għall-pretensjoni li tirriżulta mit-tneħħija tal-interessi li jitqiesu eċċessivi. Madankollu, jekk dik il-leġiżlazzjoni kellha tiġi interpretata b'mod li ma tippermettix li l-qorti tistabbilixxi l-eżistenza ta' klawżoli inġusti, din tkun tmur kontra l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività. Hija ssostni li l-awtorità ta' *res judicata* ma tkoprix ordni ta' ħlas fir-rigward ta' interessi fuq pretensjoni meta r-rata hija eċċessiva[9], u jekk il-qorti ta' eżekuzzjoni għandha s-setgħa li tivverifika li l-eżekuzzjoni titwettaq bis-saħħa ta' titolu validu, skont il-prinċipju ta' ekwivalenza, dik l-istess setgħa tinkludi s-setgħa li tiddetermina l-assenza ta' ksur ta' regoli tal-ordni pubbliku, bħal ma huwa l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13.

41. Il-Kummissjoni ssostni li, fir-rigward tal-Kawża C-831/19, iż-żewġ domandi għandhom jingħataw risposta flimkien fis-sens li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, sakemm din tippermetti li l-qorti ta' eżekuzzjoni teżamina jekk klawżola hijiex inġusta u konsegwentement twarrabha. Jekk dan ma huwiex il-każ, din il-leġiżlazzjoni ma hijiex konsistenti ma' dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività. Fil-fehma tagħha, il-kuntratti konklużi ma' ZW jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, u t-tardività fl-għarfien ta' ZW bl-istatus tagħha ta' konsumatur ma hijiex rilevanti. F'din il-kawża, bħal fil-Kawża C-693/19, l-Artikolu 47 tal-Karta għandu jitqies bħala dispożizzjoni li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fid-dawl tagħha, u n-natura definittiva tal-ordni ta' ħlas tirriżulta mill-preskrizzjoni, u mhux mill-awtorità ta' *res judicata*. Hija targumenta li l-istħarriġ *ex officio* ta' klawżoli inġusti għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni espliċita u suffiċjentement motivata mill-qorti nazzjonali. Kif enfasizzat waqt is-seduta, il-qrati li ħarġu l-ordnijiet fil-kawżi preżenti ma stħarrġux in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, u ma huwiex biżżejjed li l-possibbiltà ta' klawżola inġusta tista' tiġi identifikata; il-qorti għandha tagħmel dan.

[9] Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għad-digriet tat-Tribunale di Macerata (il-Qorti Distrettwali ta' Macerata, l-Italja) tal-1 ta' Marzu 2019.

VI. Analiżi

42. Permezz tad-domanda tagħha fil-Kawża C-693/19, li fis-sustanza tikkorrispondi għall-ewwel domanda fil-Kawża C-831/19, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevjeni lill-qorti ta' eżekuzzjoni milli teżamina l-kontenut ta' ordni ta' ħlas li tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata* u milli twarrab l-effetti tal-awtorità ta' *res judicata* impliċita fejn il-konsumatur ikun esprima l-intenzjoni li jistrieħ fuq in-natura inġusta ta' klawżola fil-kuntratt li abbażi tiegħu tkun inkisbet dik l-ordni.

43. Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-831/19, il-qorti tar-rinviju, essenzjalment, tfittex li tivverifika jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, bis-saħħa tal-awtorità ta' *res judicata* impliċita, tipprevjeni lill-qorti ta' eżekuzzjoni, li titqajjem quddiemha oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni mill-konsumatur, milli teżamina n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali, filwaqt li jitqies li, skont id-dritt nazzjonali fis-seħħ fiż-żmien meta ġiet ikkostitwita l-awtorità ta' *res judicata*, l-evalwazzjoni ta' klawżoli inġusti kienet eskluża peress li l-garanti ma setax jitqies li jikkwalifika bħala konsumatur.

44. Kif jidher ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Taljan, dawn iż-żewġ domandi jirriżultaw mill-arranġamenti proċedurali rigward l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ħlas kif stabbiliti fid-dritt Taljan, li skonthom ordni li fuqha jkunu bbażati proċeduri sussegwenti ta' eżekuzzjoni u l-qbid ta' assi mill-kredituri ssir definittiva u tikseb l-awtorità ta' *res judicata* peress li l-konsumatur, bħala debitur, ma jressaqx oġġezzjoni kontriha fit-terminu preskritt. Fil-każ ta' ordni ta' ħlas mhux ikkontestata, in-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt li abbażi tiegħu tkun inħarġet dik l-ordni hija b'hekk meqjusa li hija suġġetta għall-awtorità ta' *res judicata* impliċita, jiġifieri, awtorità ta' *res judicata* b'implikazzjoni. Barra minn hekk, id-dritt nazzjonali jipprovdi li l-qorti li toħroġ l-ordni tista' teżamina *ex officio* n-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, u jekk il-konsumatur iressaq oġġezzjoni, il-qorti li tagħti deċiżjoni dwar dik l-oġġezzjoni tista' wkoll twettaq stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli. Madankollu, jidher li huwa paċifiku li, fil-kawżi preżenti, il-qrati ħarġu ordnijiet ta' ħlas li ma ġewx ikkontestati mill-konsumaturi u ma hemmx indikazzjoni li f'dak l-istadju sar xi eżami tal-preżenza ta' klawżoli inġusti.

45. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi dawn iż-żewġ domandi jistgħu jingħataw risposta flimkien, peress li jduru fuq aspett ċentrali, jiġifieri, il-konsistenza mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li n-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt li fuqu tkun ibbażata l-ordni ta' ħlas tiġi mistħarrġa mill-qorti ta' eżekuzzjoni minħabba l-awtorità ta' *res judicata* impliċita miksuba minn dik l-ordni.

46. Sabiex nirrispondi dawn id-domandi, sejjer l-ewwel nindirizza l-argumenti ta' BDB dwar l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari fil-Kawża C-831/19 (Parti A). Sejjer imbagħad indur fuq is-sustanza tal-Kawżi C-693/19 u C-831/19 u nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar l-għarfien tardiv tal-istatus ta' konsumatur ta' ZW fil-Kawża C-831/19 u r-rilevanza potenzjali tal-Artikolu 47 tal-Karta f'dan il-kuntest (Parti B). Sejjer imbagħad nikkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-istħarriġ *ex officio* mill-qorti nazzjonali tal-klawżoli inġusti taħt id-Direttiva 93/13 (Parti C) u l-applikazzjoni tal-prinċipji żviluppati f'dik il-ġurisprudenza għaċ-ċirkustanzi tal-kawżi preżenti (Parti D).

47. Abbażi ta' din l-analiżi, wasalt għall-konklużjoni li d-domanda preliminari fil-Kawża C-831/19 hija ammissibbli u li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal ma hija dik inkwistjoni.

A. L-ammissibbiltà tad-domanda preliminari fil-Kawża C-831/19

48. Skont l-argumenti mressqa minn BDB, id-domanda preliminari fil-Kawża C-831/19 hija inammissibbli peress li ZW ma tikkwalifikax bħala konsumatur, u għalhekk id-Direttiva 93/13 ma hijiex applikabbli.

49. Fil-fehma tiegħi, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

50. Huwa evidenti li ZW tista' tiġi kklassifikata bħala konsumatur mill-qorti tar-rinviju fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

51. Għandu jitfakkar li, kif iddikjarat fl-għaxar premessa tad-Direttiva 93/13, ir-regoli uniformi li jikkonċernaw il-klawżoli inġusti għandhom japplikaw għall-"kuntratti kollha" konklużi bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur, kif iddefiniti rispettivament fl-Artikolu 2(b) u (ċ) ta' dik id-direttiva[10]. Skont l-Artikolu 2(b) tagħha, konsumatur tfisser kull persuna fiżika li, f'kuntratti koperti minn dik id-direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha[11]. Huwa għalhekk b'riferiment għall-kwalità tal-partijiet kontraenti li d-Direttiva 93/13 tiddefinixxi l-kuntratti li huma suġġetti għaliha[12]. Din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' konsumatur tippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-persuni fiżiċi kollha li jinsabu f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjiegħ jew fornitur[13].

52. F'dan ir-rigward, fid-digrieti tad-19 ta' Novembru 2015, fil-kawża Tarcău[14] u tal-14 ta' Settembru 2016, fil-kawża Dumitraş[15], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 hija applikabbli għal kuntratt ta' garanzija konkluż bejn persuna fiżika u istituzzjoni ta' kreditu sabiex jiġu ggarantiti obbligi kuntrattwali dovuti minn kumpannija kummerċjali lil dik l-istituzzjoni skont ftehim ta' kreditu, fejn dik il-persuna aġixxiet għal skopijiet barra mis-sengħa, min-negozju jew mill-professjoni tagħha u ma għandha ebda rabta ta' natura funzjonali ma' dik il-kumpannija. Hija għaldaqstant il-qorti nazzjonali li, wara li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi u l-provi kollha, għandha tistabbilixxi jekk dik il-persuna aġixxietx għal skopijiet relatati mas-sengħa, man-negozju jew mal-professjoni tagħha jew minħabba rabtiet funzjonali li hija għandha ma' dik il-kumpannija, bħal direttorat jew sehem mhux negliġibbli fil-kapital azzjonarju tagħha, jew jekk hija aġixxietx għal skopijiet ta' natura privata.

53. Fil-każ preżenti, kif indikat il-qorti tar-rinviju, ZW tista' titqies bħala konsumatur, sa fejn fil-perijodu meta ġew konklużi l-kuntratti ta' garanzija ma' BDB u l-krediturі l-oħrajn, ZW kienet qiegħda taġixxi barra mill-attivitajiet professjonali tagħha u ma kellha ebda rabtiet funzjonali ma'

[10] Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 29), u d-digriet tas-27 ta' April 2017, Bachman (C-535/16, mhux ippubblikat, EU:C:2017:321, punt 32).

[11] Ara s-sentenzi tat-2 ta' April 2020, Condominio di Milano, via Meda (C-329/19, EU:C:2020:263, punt 24), u tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Societé Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 70).

[12] Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 30), u tat-3 ta' Settembru 2015, Costea (C-110/14, EU:C:2015:538, punt 17).

[13] Ara s-sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux (C-590/17, EU:C:2019:232, punt 28).

[14] C-74/15, EU:C:2015:772, b'mod partikolari l-punti 26 sa 30.

[15] C-534/15, EU:C:2016:700, b'mod partikolari l-punti 31 sa 34.

Bimecar Trade. Tabilħaqq, il-qorti tar-rinviju indikat li, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-dokumenti ppreżentati minn ZW fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni kif issemma' fil-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet, ZW kisbet 22% fil-kapital azzjonarju ta' Bimecar Trade fil-31 ta' Jannar 2013, filwaqt li l-kuntratti ta' garanzija bejn ZW u l-krediturі kollha ġew konklużi qabel din id-data, u l-ordni ta' ħlas miksuba minn BDB ukoll tiddata għal qabel il-kisba ta' dawn l-ishma minn ZW. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, ZW kellha rabta ma' kumpannija oħra permezz ta' relazzjoni ta' impjieg sa mill-1976 u meta ġew konklużi l-kuntratti ta' garanzija, ZW ma kienet tokkupa ebda funzjoni ġestjonarja f'Bimecar Trade.

54. Konsegwentement, għandu jitqies li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ZW tikkwalifika bħala konsumatur taħt id-Direttiva 93/13 u għalhekk din id-direttiva hija applikabbli għall-kawża prinċipali.

55. Għaldaqstant, jiena tal-opinjoni li d-domanda preliminari fil-Kawża C-831/19 hija ammissibbli.

B. Osservazzjonijiet preliminari

1. Għarfien tardiv tal-istatus ta' konsumatur fil-Kawża C-831/19

56. Ninnota li hemm element addizzjonali fit-tieni domanda fil-Kawża C-831/19, li jirriżulta mill-fatt li, meta l-ordni ta' ħlas li kienet is-suġġett tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, ZW, bħala l-garanti, mid-dehra ma setgħetx tkun konxja mill-istatus tagħha bħala konsumatur u għalhekk ma setgħetx tinvoka n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali fit-terminu preskritt sabiex titqajjem oġġezzjoni għall-ordni. F'dan ir-rigward, il-fatt li, kif indikat mill-qorti tar-rinviju u minn ZW (ara l-punti 29 u 35 ta' dawn il-konklużjonijiet), il-ġurisprudenza tal-Unjoni u nazzjonali li tirrikonoxxi lill-garanti bħala konsumaturi taħt id-Direttiva 93/13 ma kinitx għadha ngħatat fil-perijodu li fih nħarġet l-ordni ta' ħlas u l-konsumatur seta' qajjem oġġezzjoni għall-ordni ma jidhirlix li jikkostitwixxi kunsiderazzjoni rilevanti f'dan il-każ.

57. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet) isegwi li d-Direttiva 93/13 teħtieġ stħarriġ *ex officio* ta' klawżoli inġusti minn qorti nazzjonali, u kif indikat mill-Kummissjoni, talba minn parti, bħal ma huwa l-konsumatur, ma tistax fiha nnifisha tissostitwixxi l-istħarriġ ġudizzjarju ta' klawżoli inġusti taħt dik id-direttiva. Tabilħaqq, l-għarfien tardiv ta' konsumatur dwar l-istatus tiegħu jifforma l-bażi tar-*ratio legis* għall-eżistenza ta' dak l-obbligu fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, kif indikat mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Taljan kif ukoll mill-Kummissjoni, hemm indikazzjonijiet ċari mid-Direttiva 93/13, b'mod partikolari mill-għaxar premessa tagħha, li din tapplika għall-"kuntratti kollha" (ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet), u ma kien hemm xejn x'jipprevjeni eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali mill-qorti kompetenti, li setgħet ressqet talba għal deċiżjoni preliminari.

2. Rilevanza potenzjali tal-Artikolu 47 tal-Karta

58. Fid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hijiex konsistenti mal-Artikolu 47 tal-Karta. Għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni, li tikkostitwixxi affermazzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tistabbilixxi, favur kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni

jkunu ġew miksura, id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti [16]. Ma hemm ebda kwistjoni rigward l-applikabbiltà tal-Artikolu 47 tal-Karta fil-kawżi preżenti. Fil-fehma tiegħi, kif indikat mir-Repubblika Taljana, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u għaldaqstant tikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta [17].

59. Nosserva li, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 93/13, hemm relazzjoni partikolari bejn l-Artikolu 47 tal-Karta u l-prinċipju ta' effettività, li jinkludi wkoll obbligu fuq l-Istati Membri sabiex jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja ta' drittijiet ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni (ara l-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet) [18]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw l-effettività tad-drittijiet li l-partijiet jisiltu mid-Direttiva 93/13 kontra l-użu ta' klawżoli inġusti jimplika rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantita wkoll mill-Artikolu 47 tal-Karta, applikabbli, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda r-regoli proċedurali ddettaljati relatati ma' tali azzjonijiet [19].

60. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 93/13 sal-preżent, l-Artikolu 47 tal-Karta jidher li għandu, fil-biċċa l-kbira, rwol ta' appoġġ jew kumpensatorju b'relazzjoni mal-prinċipju ta' effettività b'konnessjoni mal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' regoli proċedurali nazzjonali mar-rekwiżiti ta' dik id-direttiva. Pereżempju, l-Artikolu 47 tal-Karta huwa rilevanti f'dan il-kuntest fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' aċċess għal rimedju effettiv sabiex partijiet ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ibbażati fuq id-Direttiva 93/13 [20], kif ukoll ta' kwistjonijiet relatati ma' smigħ xieraq, bħall-osservanza tal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u ta' kontradittorju fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji fejn il-legalità ta' klawżoli fir-rigward ta' dik id-direttiva huma inkwistjoni [21].

61. Fil-kawżi preżenti, huwa paċifiku li, kif indikat mill-Gvern Taljan, il-partijiet ingħataw aċċess għal rimedji effettivi li jippermettulhom jasserixxu d-drittijiet tagħhom taħt id-Direttiva 93/13. Barra minn hekk, kif indikat mill-Kummissjoni, id-domandi ma jikkonċernawx l-imparzjalità tal-qorti ta' eżekuzzjoni [22], iżda pjuttost il-possibbiltà li dik il-qorti teżamina n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jista' jitqies li ngħatat deċiżjoni impliċita dwarha permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja

[16] Ara s-sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311, punt 40).

[17] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Kušionová (C-34/13, EU:C:2014:2189, punt 47); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2015:746, punti 83 u 84)

[18] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2015:746, punti 85 sa 97). Ara wkoll, per eżempju, van Duin, A., "Metamorphosis? The Role of Article 47 of the EU Charter of Fundamental Rights in Cases Concerning National Remedies and Procedures under Directive 93/13/EEC", *Journal of European Consumer and Market Law*, 2017, vol. 6, p. 190-198.

[19] Ara s-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, VB *et* (C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 29).

[20] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, b'mod partikolari l-punt 59); tal-10 ta' Settembru 2014, Kušionová (C-34/13, EU:C:2014:2189, b'mod partikolari l-punti 45, 47 u 66); u tal-21 ta' Diċembru 2016, Biuro podróży 'Partner' (C-119/15, EU:C:2016:987, punti 23 sa 47); ipparaguna s-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punti 36 sa 57).

[21] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punti 29 sa 36); tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punti 21 sa 51); u tad-29 ta' April 2021, Rzecznik Praw Obywatelskich (C-19/20, EU:C:2021:341, punti 91 sa 99); ipparaguna d-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Sánchez Morcillo u Abril García (C-539/14, EU:C:2015:508, punti 23 sa 50).

[22] Ta' min wieħed jinnota li l-fatt li qorti nazzjonali teżamina *ex officio* n-natura eventwalment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali u tinforma lill-konsumatur bil-possibbiltà li jinvoka d-drittijiet tiegħu taħt id-Direttiva 93/13 ma jidhirx minnu nnifsu li jikkompromietti l-imparzjalità ta' dik il-qorti, peress li l-qorti ma tkunx qiegħda "żżomm ma' parti jew oħra", iżda teżerċita funzjonijiet li għandha taħt id-dritt nazzjonali u tal-Unjoni. Ara, f'dan ir-rigward, Beka, A., *The Active Role of Courts in Consumer Litigation: Applying EU Law of the National Courts' Own Motion*, Intersentia, 2018, p. 140-141.

l-kunsiderazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta fejn meħtieġa, dawn il-każijiet għandhom jitqiesu bħala li huma bbażati fuq l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività.

C. Ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istħarriġ ex officio ta' klawżoli inġusti minn qrati nazzjonali

62. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi ma jkunux jorbtu lill-konsumatur [23]. L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-erba' u għoxrin premessa tagħha, jobbliga lill-Istati Membri sabiex jipprovdu mezzi adegwati u effettivi sabiex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi [24]. Filwaqt li dawn id-dispożizzjonijiet taw lok għal ġabra estensiva ta' ġurisprudenza, sejjer nindika l-prinċipji applikabbli misluta minn din il-ġurisprudenza dwar l-eżistenza u l-portata tal-obbligu tal-qorti nazzjonali li tistħarreġ *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li huma l-iżjed rilevanti għall-analiżi tiegħi fil-kawżi preżenti.

1. Eżistenza tal-obbligu ta' stħarriġ ex officio tal-qorti nazzjonali

63. Skont ġurisprudenza paċifika, is-sistema ta' protezzjoni li daħlet fis-seħħ permezz tad-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjiegħ jew fornitur f'dak li jirrigwarda kemm il-poter ta' negozjati kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twasslu sabiex jaderixxi mal-kundizzjonijiet imfassla minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut ta' dawn il-kundizzjonijiet [25]. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva 93/13, in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur jista' jiġi kkumpensat biss b'intervent pożittiv li ma jkunx konness mal-partijiet fil-kuntratt [26]. Għaldaqstant, fid-dawl tan-natura u l-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi, il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu tevalwa *ex officio*, meta hija jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali u, b'hekk, tirrimedja n-nuqqas ta' bilanċ li jeżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur [27].

2. Portata tal-obbligu ta' stħarriġ ex officio tal-qorti nazzjonali

64. Skont ġurisprudenza ugwalment konsistenti, id-Direttiva 93/13 tobbliga lill-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu li jiżgura li kull klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata b'mod individwali tista' tiġi mistħarrġa sabiex tiġi evalwata n-natura possibbilment inġusta tagħha [28].

[23] Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, Dexia Nederland (C-229/19 u C-289/19, EU:C:2021:68, punt 57). Ara wkoll il-wieħed u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13. Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa dispożizzjoni obbligatorja li hija intiża li tibdel il-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet b'bilanċ reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom. Ara s-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Lintner (C-511/17, EU:C:2020:188, punt 24).

[24] Ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 52).

[25] Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 25), u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 49).

[26] Ara s-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659, punt 48), u tal-11 ta' Marzu 2020, Lintner (C-511/17, EU:C:2020:188, punt 25).

[27] Ara s-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punti 31 u 32), u tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius (C-495/19, EU:C:2020:431, punt 37).

[28] Ara s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Gómez del Moral Guasch (C-125/18, EU:C:2020:138, punt 44).

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-karatteristiċi partikolari tal-proċeduri ġudizzjarji li jseħħu taħt id-dritt nazzjonali bejn konsumaturi u bejjiegħa jew fornituri ma għandhomx jikkostitwixxu element li jista' jaffettwa l-protezzjoni ġuridika li għandhom jibbenefikaw minnha l-konsumaturi skont id-Direttiva 93/13 [29].

65. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet, f'diversi aspetti u billi ħadet inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, il-mod kif il-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-konsumaturi jisiltu minn din id-direttiva, xorta waħda jibqa' l-fatt li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni, ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri applikabbli sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk klawżola kuntrattwali hijiex inġusta jaqgħu fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri, sakemm dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma jagħmlux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-konsumaturi mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) [30].

66. Rigward il-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull każ fejn tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tagħmilx impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha, flimkien ma', fejn rilevanti, il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat l-ordinament ġuridiku nazzjonali, bħalma huma l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċeduri [31]. B'rabta ma' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-osservanza ta' dan il-prinċipju ma tistax tasal sabiex tirrimedja għal kollox il-passività totali tal-konsumatur ikkonċernat [32].

67. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet mogħtija lill-konsumaturi permezz tad-Direttiva 93/13 tista' tiġi ggarantita biss jekk is-sistema proċedurali nazzjonali tippermetti lill-qorti, fil-kuntest tal-proċeduri ta' ordni ta' ħlas jew f'dak tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' ordni ta' ħlas, tivverifika *ex officio* n-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali [33]. B'hekk, fil-każ fejn l-istħarriġ *ex officio* ta' klawżoli inġusti mill-qorti nazzjonali ma jkunx previst fl-istadju ta' eżekuzzjoni tal-ordni ta' ħlas, leġiżlazzjoni nazzjonali għandha titqies li hija ta' natura li tippreġudika l-effettività tal-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 93/13 jekk ma tipprevedix tali eżami fl-istadju tal-ħruġ tal-ordni jew, meta tali eżami jkun previst biss fl-istadju tal-oġġezzjoni kontra l-ordni maħruġa, jekk ikun hemm riskju sostanzjali li l-konsumaturi ma jqajmux l-oġġezzjoni meħtieġa [34]. Id-Direttiva 93/13 għalhekk tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti li ordni ta' ħlas tinħareġ mingħajr ma l-konsumatur jitqiegħed f'pożizzjoni li jibbenefika, f'xi mument tal-proċeduri, mill-garanzija li ssir verifika mill-qorti li ma hemmx klawżoli inġusti [35].

68. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-protezzjoni tal-konsumatur ma hijiex assoluta u li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-obbligu fuq qorti nazzjonali li ma tapplikax regoli proċedurali nazzjonali li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk dan ikun jippermetti li jingħata rimedju għal ksur ta' dispożizzjoni, tkun xi tkun in-natura tagħha, inkluża

[29] Ara s-sentenza tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 50).

[30] Ara s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Kuhar (C-407/18, EU:C:2019:537, punti 45 u 46).

[31] Ara s-sentenza tat-22 ta' April 2021, PROFI CREDIT Slovakia (C-485/19, EU:C:2021:313, punt 53).

[32] Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, ERSTE Bank Hungary (C-32/14, EU:C:2015:637, punt 62).

[33] Ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punt 44).

[34] Ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, Danko u Danková (C-448/17, EU:C:2018:745, punt 46 u d-dispożittiv 2).

[35] Ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, Danko u Danková (C-448/17, EU:C:2018:745, punt 49).

fid-Direttiva 93/13[36]. Tabilħaqq, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza li għandu l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, u li, sabiex tiġi żgurata kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa neċessarju li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji ġudizzjarji disponibbli jew wara l-iskadenza tat-termini previsti għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji ma jkunux jistgħu jiġu iktar ikkontestati[37]. Bl-istess mod, fl-interess taċ-ċertezza legali, l-iffissar ta' termini raġonevoli għall-preżentata ta' rikorsi taħt piena ta' dekadenza huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni[38]. Madankollu, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timmina s-sustanza tad-dritt li l-konsumaturi għandhom skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 li ma jkunux marbuta minn klawżoli inġusti[39].

69. Għandu jiġi osservat li fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones[40], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li regoli nazzjonali li jimponu terminu ta' xahrejn, li meta jiskadi, fl-assenza ta' kwalunkwe rikors għal annullament, deċiżjoni ta' arbitraġġ kienet saret definittiva u għalhekk kienet kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, kienu konsistenti mal-prinċipju ta' effettività, u ppreċiżat li dan il-prinċipju ma jistax jasal sabiex jirrimedja għal kollox il-passività totali ta' konsumatriċi li ma tkun ressqet ebda azzjoni ġudizzjarja sabiex tasserixxi d-drittijiet tagħha.

70. Għall-kuntrarju, fis-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Finanmadrid EFC[41], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* fil-kuntest tal-proċedura ta' ordni ta' ħlas kienet tmur kontra l-prinċipju ta' effettività, peress li d-deċiżjoni tal-awtorità li tagħlaq il-proċeduri ta' ordni ta' ħlas kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, fatt li rrenda impossibbli li jsir eżami tal-klawżoli inġusti fl-istadju ta' eżekuzzjoni sempliċement minħabba li l-konsumatur ma qajjimx oġġezzjoni fit-terminu previst, u kien hemm riskju sostanzjali li l-konsumatur ma jagħmilx dan.

71. Għandu wkoll jiġi ċċarat li, fis-sentenza, Banco Primus[42], li ngħatat fil-kuntest ta' oġġezzjoni mqajma mill-konsumatur għal proċeduri ta' sekwestru ipotekarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevjeni lill-qorti milli teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli fejn tkun diġà ngħatat deċiżjoni definittiva dwar il-legalità tal-klawżoli kuntrattwali kollha fid-dawl ta' din id-direttiva permezz ta' deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' klawżola waħda jew ta' diversi klawżoli li n-natura inġusta tagħhom ma tkunx ġiet eżaminata waqt stħarriġ ġudizzjarju preċedenti tal-kuntratt magħluq permezz ta' deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, id-Direttiva 93/13 tirrikjedi li l-qorti regolarment adita mill-konsumatur permezz ta' oġġezzjoni tistħarreġ in-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli, *ex officio* jew fuq talba ta' xi parti, sakemm ikollha l-elementi ta' dritt u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan. Fl-assenza ta' tali stħarriġ, il-protezzjoni tal-konsumatur tkun inkompleta u insuffiċjenti.

[36] Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 68).

[37] Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punt 46).

[38] Ara s-sentenza tat-22 ta' April 2021, PROFI CREDIT Slovakia (C-485/19, EU:C:2021:313, punt 57).

[39] Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 71).

[40] C-40/08, EU:C:2009:615, punti 34 sa 48.

[41] C-49/14, EU:C:2016:98, punti 45 sa 55.

[42] Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017 (C-421/14, EU:C:2017:60, punti 49 sa 54),

72. Konsegwentement, minn din il-ġurisprudenza jsegwi li l-Istati Membri ma humiex obbligati mid-Direttiva 93/13 li jadottaw sistema proċedurali partikolari għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' klawżoli inġusti, sakemm jaderixxu mal-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, u għalhekk jiżguraw li ssir verifika minn qorti nazzjonali fir-rigward tan-natura inġusta ta' kwalunkwe klawżola kuntrattwali irrispettivament mill-proċeduri. Għandu jkun hemm stħarriġ *ex officio* jew mill-ewwel qorti fil-proċeduri, jew mit-tieni qorti, kemm jekk adita mill-eżekuzzjoni jew fuq il-mertu, li jista' jiġi skattat mill-konsumatur, sakemm ma hemmx riskju sostanzjali li l-għażla proċedurali partikolari ma tiġix adottata mill-konsumatur, u b'hekk tingħalaq il-possibbiltà għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' klawżoli inġusti skont id-Direttiva 93/13.

73. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li l-protezzjoni tal-konsumatur ma hijiex assoluta, lanqas ma huwa assolut il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. Kif intwera mis-sentenzi msemmija fil-punti 69 sa 71 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta approċċ ibbilanċjat fir-rigward tal-interazzjoni bejn regoli nazzjonali li jimplimentaw l-awtorità ta' *res judicata* u r-rekwiżiti tad-Direttiva 93/13, filwaqt li tiżgura li tali regoli ma jimminawx is-sistema ta' protezzjoni tal-konsumatur stabbilita permezz ta' din id-direttiva. B'mod partikolari, filwaqt li s-sentenza fil-kawża Banco Primus ma tindirizzax direttament l-awtorità ta' *res judicata* impliċita, l-enfasi tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjoni definittiva dwar in-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali f'deċiżjoni li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* ssostni l-opinjoni li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni, tmur kontra d-Direttiva 93/13. Sejjer nerġa' niġi lura għal dik is-sentenza iktar tard fl-analiżi tiegħi (ara l-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet).

74. Huwa fid-dawl ta' dawk il-prinċipji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li huwa meħtieġ li jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi tal-kawżi preżenti.

D. Applikazzjoni tal-prinċipji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għaċ-ċirkustanzi tal-kawżi preżenti

75. Għandu jitfakkar mill-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet li, fil-kawżi preżenti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tipprovdi li, fil-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ħlas li ma humiex ikkontestati u li għalhekk kisbu l-awtorità ta' *res judicata*, il-qorti ta' eżekuzzjoni ma hijiex permessa li tistħarreġ il-kontenut tal-ordni ta' ħlas u li teżamina, jew *ex officio* jew fuq it-talba tal-konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali bis-saħħa tal-awtorità ta' *res judicata* impliċita miksuba minn dik l-ordni.

76. Għandu jingħad mill-bidu li, għall-kuntrarju tal-argumenti mressqa mill-Kummissjoni li l-kawżi preżenti jikkonċernaw preskrizzjoni u mhux il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, huwa evidenti mid-deċiżjonijiet tar-rinviju li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-ordnijiet ta' ħlas li huma s-suġġett tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni kisbu l-awtorità ta' *res judicata*. Skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali [43].

[43] Ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Societé Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 46).

77. Barra minn hekk, ma jidhirx li hemm indikazzjonijiet fil-kawżi preżenti li jistgħu jagħtu lok għal dubji rigward il-prinċipju ta' ekwivalenza. Jidher li, kif indikat mill-Gvern Taljan, id-dritt nazzjonali ma jippermettix li l-qorti ta' eżekuzzjoni teżamina ordni ta' ħlas li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, anki fejn din tikkonċerna ksur possibbli ta' regoli interni tal-ordni pubbliku (ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet).

78. Għandu jingħad ukoll, li għall-kuntrarju ta' dak li targumenta l-Kummissjoni, il-Gvern Taljan jiċħad il-possibbiltà li, fil-Kawża C-693/19, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tiġi interpretata b'mod konformi mad-Direttiva 93/13, sabiex il-qorti ta' eżekuzzjoni tista' teżamina n-natura inġusta tal-klawżola rigward interessi eċċessivi (ara l-punti 38 u 40 ta' dawn il-konklużjonijiet). Għalhekk, din il-kwistjoni hija suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju fid-dawl tar-rekwiżit stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-dritt nazzjonali jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni [44].

79. Rigward issa l-qalba tal-kwistjoni, fl-opinjoni tiegħi, abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm indikazzjonijiet ċari li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, jipprekludu l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

80. F'dan ir-rigward, jidhirli li l-istħarriġ tan-natura eventwalment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali taħt id-Direttiva 93/13 għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni espliċita u suffiċjentement motivata mill-qorti nazzjonali. Kif jidher miċ-ċirkustanzi tal-kawżi preżenti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni twassal għas-sitwazzjoni fejn il-kwistjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali titqies li ġiet deċiża fuq il-mertu, anki meta assolutament ma tkunx ġiet diskussa mill-qorti nazzjonali. Fil-fehma tiegħi, kif indikat mill-Kummissjoni, jekk l-istħarriġ tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali ma jkunx motivat fid-deċiżjoni li fiha l-ordni ta' ħlas, il-konsumatur ma jkunx jista' jifhem jew janalizza r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew, fejn xieraq, jopponi l-eżekuzzjoni b'mod effettiv. Lanqas ikun possibbli għal qorti nazzjonali li jista' jiġi ppreżentat appell quddiemha li tagħti deċiżjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li, fl-assenza ta' stħarriġ effettiv tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt, ir-rispett tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13 ma jistax jiġi ggarantit [45].

81. Iktar appoġġ għal dan l-approċċ jista' wkoll jiġi dedott mis-sentenza fil-kawża Banco Primus [46]. Kif intqal fil-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset bħala inkompatibbli mad-Direttiva 93/13 leġiżlazzjoni nazzjonali li estendiet l-effetti ta' awtorità ta' *res judicata* għal klawżoli li dwarhom il-qorti nazzjonali ma kinitx tat deċiżjoni definittiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tippreżumi li jekk il-qorti nazzjonali ma tkunx eżaminat in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali speċifiċi inkwistjoni, ikun diffiċli li jitqies li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* ġie affettwat [47].

82. Dan l-approċċ huwa konsistenti wkoll mal-għanijiet segwiti mid-Direttiva 93/13 kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għandu jitfakkar mill-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet li l-obbligu ta' stħarriġ *ex officio* tal-qorti nazzjonali huwa ġġustifikat bin-natura u l-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti

[44] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius (C-495/19, EU:C:2020:431, punti 49 sa 51).

[45] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius (C-495/19, EU:C:2020:431, punt 35).

[46] Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017 (C-421/14, EU:C:2017:60, punti 49 sa 54).

[47] Ara, f'dan is-sens, García-Valdecasas Dorrego, M.J., *Dialogue between the Spanish courts and the European Court of Justice regarding the judicial protection of consumers under Directive 93/13/EEC*, Association of Property and Business Registrars of Spain, 2018, p. 98-99.

lill-konsumaturi. Il-qorti responsabbli mill-eżekuzzjoni għalhekk għandha tiżgura l-effettività ta' dik il-protezzjoni jekk dan ma jkunx sar fi stadju preċedenti tal-proċeduri. Inkella, hemm riskju li dan l-obbligu tal-qorti nazzjonali taħt id-Direttiva 93/13 isir bla sustanza.

83. Dan huwa kkonfermat miċ-ċirkustanzi tal-kawżi preżenti, fejn jidher li ma sar ebda stħarriġ *ex officio* tal-klawżoli inġusti mill-qorti nazzjonali li ħarġet l-ordnijiet ta' ħlas. Huwa minnu, kif indikat mill-Gvern Ġermaniż, li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif imsemmija fil-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet, huma l-Istati Membri li għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu jekk tali stħarriġ għandux isir fl-istadju tal-ordni ta' ħlas jew fl-istadju tal-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni, u ma hemm ebda rekwiżit taħt id-Direttiva 93/13 li għandu jsir fit-tnejn. Madankollu, tali stħarriġ għandu jitwettaq fi stadju wieħed jew l-ieħor. Għaldaqstant, il-fatt li l-qorti ta' eżekuzzjoni tiġi prekluża milli twettaq, għall-ewwel darba, l-evalwazzjoni ta' klawżoli inġusti sempliċement minħabba l-awtorità ta' *res judicata* impliċita tal-ordni jagħmilha impossibbli li ssir verifika dwar in-natura inġusta fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri.

84. Għandu jingħad ukoll li dan l-approċċ jidher li huwa konsistenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-awtorità ta' *res judicata* barra mill-kuntest tad-Direttiva 93/13. F'ċerti sentenzi [48], il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx li tingħata protezzjoni eċċessiva lil deċiżjonijiet definittivi permezz tal-awtorità ta' *res judicata* b'modi li jfixklu b'mod sostanzjali l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [49]. Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li, fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, fil-kawża Klohn [50], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-awtorità ta' *res judicata* testendi biss għall-pretensjonijiet ġuridiċi li fuqhom il-qorti tkun iddeċidiet u b'hekk ma tipprekludix lil qorti, fil-kuntest ta' tilwima sussegwenti, milli tiddeċiedi fuq punti ta' liġi li fuqhom din id-deċiżjoni definittiva ma tkunx iddeċidiet. Bl-istess mod, fil-ġurisprudenza tagħha rigward l-applikazzjoni tal-awtorità ta' *res judicata* fid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li l-awtorità ta' *res judicata* tintrabat biss ma' kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li ġew effettivament jew neċessarjament deċiżi mid-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni [51].

85. Konsegwentement, għandu jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tmur kontra l-prinċipju ta' effettività, peress li tagħmilha impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tiġi żgurata l-protezzjoni mogħtija lill-konsumaturi mid-Direttiva 93/13.

86. Għaldaqstant nikkonkludi li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

[48] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub (C-2/08, EU:C:2009:506, punti 29 sa 32); tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines (C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punti 94 sa 96); u tas-16 ta' Lulju 2020, UR (Issuġġettar tal-avukati għall-VAT) (C-424/19, EU:C:2020:581, punti 31 sa 34).

[49] Ara, d'dan ir-rigward, Turmo, A., "National *Res Judicata* in the European Union: Revisiting the Tension Between the Temptation of Effectiveness and the Acknowledgement of Domestic Procedural Law", *Common Market Law Review*, 2021, vol. 58, p. 361-390, f'p. 375.

[50] C-167/17, EU:C:2018:833, punt 69.

[51] Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-526/08, EU:C:2010:379, punt 27), tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill (C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 47).

VII. Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tat-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano, l-Italja):

L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandhom jiġu interpretati, fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li l-qorti responsabbli mill-eżekuzzjoni teżamina, *ex officio* jew fuq it-talba ta' parti, in-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt li jservi bħala l-bażi għal ordni ta' ħlas li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* fejn dawn il-klawżoli ma kinux is-suġġett ta' evalwazzjoni espliċita u suffiċjentement motivata fir-rigward ta' din id-direttiva.